

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein hallinto-oikeus (Suomi) fit-28 ta' Ġunju 2011 — K**

(**Kawża C-322/11**)

(2011/C 252/46)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

**Qorti tar-rinviju**

Korkein hallinto-oikeus

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: K

Konvenut: Veronsaaji oikeudenvalvontayksikkö, valtiovaranministeriö

**Domanda preliminari**

L-Artikoli 63 u 65 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu ġabru ta' regoli nazzjonali li skont dawn persuna li hija persuna taxxabbli prinċipalment fil-Finlandja ma tistax tnaqqas it-telf subit, waqt it-trasferiment ta' beni immoblli li jinsab fi Franzia, mill-qiegħi, taxxabbli fil-Finlandja, li hija għamlet bit-trasferiment ta' azzjonijiet, filwaqt li persuna li hija persuna taxxabbli prinċipalment fil-Finlandja tista', taħt ċerti kundizzjoni, tnaqqas mill-qiegħi minn kapital tagħha t-telf subit waqt it-trasferiment ta' beni immoblli ekwivalenti li jinsab fil-Finlandja?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varnenski Administrativen Sad (il-Bulgarija) fid-29 ta' Ġunju 2011 — Tsifrova kompania vs Nachalnik na Mitnicheski punkt Varna Zapad pri Mitnitsa Varna**

(**Kawża C-330/11**)

(2011/C 252/47)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

**Qorti tar-rinviju**

Varnenski Administrativen Sad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Tsifrova kompania

Konvenuti: Nachalnik na Mitnicheski punkt Varna Zapad pri Mitnitsa Varna

**Domandi preliminari**

(1) X'għandu jinfiehem b"internet" fis-sens tan-Noti ta' spjega ġhan-nomenklatura magħquda tal-Komunitajiet Ewropej

[Unjoni Ewropea] għall-2009 (Regolament tal-Kummissjoni Nru 1031/2008, tad-19 ta' Settembru 2008), ippubblikati fit-30 ta' Mejju 2008 (C 133, p. 1, emenda li tikkonċerna s-subintestaturi 8528 90 00, 8528 71 13 u 8528 71 90), sabiex ogħetti jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi TARIC 8528 71 13 00?

- (2) X'għandu jinfiehem bħala "modem" fis-sens tan-Noti ta' spjega ġhan-nomenklatura magħquda tal-Komunitajiet Ewropej [Unjoni Ewropea] għall-2009 (Regolament tal-Kummissjoni Nru 1031/2008, tad-19 ta' Settembru 2008), ippubblikati fit-30 ta' Mejju 2008 (C 133, p. 1, emenda li tikkonċerna s-subintestaturi 5289 00 0, 8528 71 13 u 8528 71 90), sabiex ogħetti jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi TARIC 8528 71 13 00?
- (3) X'għandu jinfiehem bħala "modulazzjoni" u "demodulazzjoni" fis-sens tan-Noti ta' spjega ġhan-nomenklatura magħquda tal-Komunitajiet Ewropej [Unjoni Ewropea] għall-2009 (Regolament tal-Kummissjoni Nru 1031/2008, tad-19 ta' Settembru 2008), ippubblikati fit-30 ta' Mejju 2008 (C 133, p. 1, emenda li tikkonċerna s-subintestaturi 8528 90 00, 8528 71 13 u 8528 71 90), sabiex ogħetti jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi TARIC 8528 71 13 00?
- (4) Liema hija l-funzjoni prinċipali tal-apparat identifikat bħala modulu separat DC 215 KL, li skont din għandha ssir klasifikazzjoni tariffarja: ir-riċeżżjoni ta' sinjal tat-televiżjoni jew inkella l-użu ta' modem li jippermetti skambju ta' informazzjoni interattiv għall-finjiet tal-aċċess għall-internet?
- (5) Jekk il-funzjoni prinċipali tal-apparat identifikat bħala modulu separat DC 215 KL tikkonsisti fl-użu ta' modem li jippermetti skambju ta' informazzjoni interattiv għall-finjiet tal-aċċess għall-internet, it-tip ta' modulazzjoni u ta' demodulazzjoni applikati permezz tal-modem u t-tip ta' modem użat huma rilevanti fir-rigward tal-klassifikazzjoni tariffarja, jew huwa biżżejjed li dan jippermetti l-aċċess għall-Internet?
- (6) Taħt liema intestatura u taħt liema kodiċi għandu jiġi klasifikat apparat li jikkorrispondi għad-deskrizzjoni tal-modulu DC 215 KL?
- (7) Jekk modulu separat li jikkorrispondi għad-deskrizzjoni tal-modulu DC 215 KL huwa klasifikat fis-subtitlu NC 8521 90 00, il-ġbir tad-dazji doganali għal rata pożittiva huwa legali skont id-dritt Komunitarju, inkwantu dan jikkostitwixxi ksur tal-obblighi tal-Komunità skont il-ftiehim dwar il-kummerċ fil-prodotti ta' teknoloġija tal-informatika parti II(b) tal-ftiehim Komunitarju dwar it-tariffi doganali u l-kummerċ, jew il-klassifikazzjoni fit-titlu 8521 twassal għall-konklużjoni li modulu separat, modulu DC 215 KL, jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożzzjonijiet li jikkonċernaw il-ftiehim dwar it-tariffi doganali u l-kummerċ?